MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Numru 129/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs.**

**CONSIGLIO SIVE SIGLIO LIVORI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Consiglio sive Siglio Livori ta' 30 sena (dtt. 01/10/1974) bin il-mejjet Emanuel u Rita nee' Cremona imwieled Pieta' u joqghod 'Josilmilcar', Triq is-Suq, Zejtun (ID nru. 519774M).

Billi huwa akkuzat talli fit-28 ta' Mejju 2004 ghall-habta tad-21:00hrs fi Triq Alfred Cachia, Zejtun u fix-xhur ta' qabel, f'postijiet u hinijiet differenti, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innfisu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika,

xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, f'postijiet u hinijiet differenti, ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq vettura tal-marka BMW 320 bin-nru. ta' reg. ABF 151 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti habat ma' vettura tal-marka Isuzu KB bin-nru. ta' reg. HTM 001 w involontarjament ikkanunalha hsarat li jammontaw ghal LM450 ghad-dannu ta' Anthony Sultana minn B'Buga;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin u fix-xhur ta' qabel, f'postijiet u hinijiet differenti, saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin u fix-xhur ta' qabel, f'postijiet u hinijiet differenti soqt l-istess vettura filwaqt li kien qed jaghmel uzu minn licenzja ta' vettura ohra tal-marka Rover 214 bin-nru. ta' reg. AFC 071;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;

F'kaz illi l-imputat jinstab hati, il-Qorti giet mitluba li tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal perjodu li jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JF 3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 188, 189 u 328(d) tal-Kap. 9, l-art. 15(1)(a) (2) u (3) u it-Tieni Skeda tal-Kap. 65, ir-Regolament 21 tal-Avviz Legali 476 tal-2004 u ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994.

Issib lill-imputat Consiglio sive Siglio Livori, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Consiglio sive Siglio Livori ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u elf, mija u erba’ u sittin Euro u disa’ u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 1164.69) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Consiglio sive Siglio Livori jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Consiglio sive Siglio Livori sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tlettax il-Euro u tmienja u disghin centezmi ta’ Euro

(Euro 13.98) rappresentanti spejjes ta' traduzzjoni inkorsi f'din il-kawza.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Consiglio sive Siglio Livori milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Consiglio sive Siglio Livori l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------